TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 31/12/F

**Joann Camilleri**

**vs**

**Ivory & Co. Ltd.**

Illum 25 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' elf, u erba' mitt ewro (€1,400), rappreżentanti prezz ta' libsa tat-tieġ li ma kinitx tajba għaliha.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ordnat libsa tat-tieġ mingħand is-soċjeta' ntimata u li kienet ħallset elf u erba' mitt ewro (€1,400), pero' kellhom isiru diversi alterazzjonijiet fosthom iż-żipp peress li ma kienx jinqafel sewwa. Minkejja li r-rikorrenti marret diversi drabi sabiex tipprova l-alterazzjonijiet, dawn id-difetti xorta baqgħu hemm, u ftit jiem qabel it-tieġ ir-rikorrenti tant kienet inkwetata illi ma ġabritx il-libsa u marret tixtri libsa oħra għat-tieġ u konsegwentement ma libsitx din il-libsa għat-tieġ u għalhekk qed titlob il-flus lura.

Is-soċjeta' ntimata *da parte* tagħha ssottomettiet illi l-alterazzjonijiet saru kif ordnati, u li fil-fatt kienu ttranġaw sewwa l-alterazzjonijiet u ż-żipp kif ippredentiet ir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, iffaċċjat b'dawn iż-żewġ verżjonijiet, irid jara effettivament min qed jgħid il-verita'. Illi r-rikorrenti *da parte* tagħha ħallset il-ħlas kollu dovut tal-libsa u ma jippretendix li qabel it-tieġ ikun hemm dan il-paniku kollu, biżżejjed l-għarusa tkun diġa' eċitata qabel it-tieġ u dan kollu hu stress żejjed.

Min-naħa l-oħra l-intimati qalu li effetwaw l-alterazzjonijiet kollha u l-libsa ġiet tajba.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiddeċiedi billi qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, u jgħid illi l-libsa ma kinitx tajba għat-tieġ minkejja li saru l-alterazzjonijiet.

**Għal dawn il-motivi:**

l-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-libsa tat-tieġ tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**